MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru 89/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Nagib El Hadi El Mezoughi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nagib El Hadi El Mezoughi ta' 30 sena iben El Hadi w Mariam nee Sharif imwieled Franza fis-16 ta' Settembru 1974 residenti Tripoli w bin-numru tal-passport 099593 gie akkuzat:

talli f'Malta jew barra minn Malta fil-jiem ta' qabel it-28 ta' Jannar 2005 assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gzejjer medicina (eroina), kontra id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazjoni, sabiex tigi impurtata f'Malta id-droga eroina u dan bi ksur tal-artikolu 22 (1) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2005 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta,
b) forna jew iprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill persuna/i jew ghall persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga imsemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
c) kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza

u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. **Liema droga nstabghet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall uzu eslussiv tieghu.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat 29 ta' Jannar 2005 ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esebit a fol. 22 tal-Process.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali datata 23 ta' Gunju 2006 li tinsab a fol. 146 tal-Process.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006 mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta l-imputat ghazel li l-kaz tieghu jigi deciz b'mod sommarju.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2006 l-Ispettur Pierre Grech ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li fil-konfront tal-imputat japplika dak kontemplat fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre ddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2006 l-Ufficjal Prosekutur ippresenta b'Nota fedina penali aggornata tal-imputat markata Dok TDA1.

Inoltre fl-istess Verbal tal-imsemmija Seduta l-istess Ufficjal Prosekutur ghall-Kummissarju tal-Pulizija iddikjara li, stante li d-droga esebita f'din il-kawza hija mehtiega fi proceduri ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, talab li din il-Qorti filwaqt li tordna l-konfiska tal-imsemmija droga, ma tordnax id-distruzzjoni tal-imsemmija droga.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 2, 3, 5, 6(a)(b), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B), 22(2)(b)(i), 26 u 29 u id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Kap. 101 u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) kif sussegwentement emendati u l-artikoli 17(b)(h), 18, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Nagib El Hadi El Mezoughi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha wahda l-gravita' tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Nagib El Hadi El Mezoughi, l-ammont ta' droga involuta u cioe' fl-ammont net totali ta' 220.701 grammi ta' eroina u li din id-droga kienet ta' purita ta' cirka 47.4 % (ara fol. 7 tad-Dok MM1 Relazzjoni tal-espert Mario Mifsud), il-hsara li d-droga qeghda taghmel f'pajjizna, l-obbligu tal-Qorti li

thares lis-socjeta' taghna minn din il-pjaga u li l-Qorti filwaqt li ghandha dejjem tkun gusta trid ukoll taghti piena li tirrifletti sew il-gravita' ta' reati bhal dawn involuti f'dan il-kaz u b'hekk dan ghandu jservi ta' deterrent u mill-banda l-ohra l-Qorti qieset il-fedina penali aggornata tal-imputat inkluzi d-dati meta gew kommessi r-reati indikati fl-istess fedina aggornata, il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2006 l-Ispettur Pierre Grech ghall-Prosekuzzjoni ddikjara wkoll li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, kif ukoll l-applikazzjoni f'dan il-kaz ta' dak previst fl-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Nagib El Hadi El Mezoughi ghal piena komplessiva ta' seba' (7) snin prigunerija u erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) multa.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Nagib El Hadi El Mezoughi sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati l-ammont ta' tlett mija u erbatax-il Liri Maltin u ghoxrin centezmi (Lm314.20c) rappresentanti l-ispejjez tal-esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha hu esebit fl-atti ta' din il-kawza u markat bhala Dok JM1.

Inoltre rigward it-talba tal-Ufficjal Prosekutur ghall-Kummissarju tal-Pulizija maghmula fis-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2006 u riferita aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti filwaqt li tordna l-konfiska tad-droga kollha esebita f'din il-kawza ma tordnax id-distruzzjoni tal-istess droga.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dok PDT3 (mobile phone u starter pack).

Finalment il-Qorti tordna li ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja kull zmien li l-imputat ghadda taht arrest preventiv rigwardanti dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------